TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

James Owen Vidal

vs

Wayne Cassar - Breeze Express Ltd.

CCT 223/17/MS

Illum 23 ta' April 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fis-7 ta' Dicembru 2017 fejn talab li l-intimat jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' €677.08, prezz ta' merkanzija mhux konsenjata wara li r-rikorrent kien ikariga lill-intimat igiblu merkanzija ordnata minn Sqallija.

Ra d-debiti notifiki fejn l-intimat irrizulta notifikat.

Ra illi minkejja tali notifika l-intimat baqa' ma dahalx risposta u l-anqas ma deher ghas-seduta quddiem dan it-Tribunal biex jaghti x-xhieda tieghu.

Sema' x-xhieda ta' James Owen Vidal bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi li r-rikorrent James Owen Vidal xtara merkanzija mid-ditta IKEA fis-Sqallija u inkariga lill-intimat u l-kumpanija tieghu sabiex din il-merkanzija tigi konsenjata Malta. Ill-merkanzija thallset b'diversi cekkijiet u meta l-merkanzija giet konsenjata r-rikorrent sab illi kwart tal-ordni kien nieqes. L-intimat weghdu diversi dati meta l-kumplament kienu ser jigu konsenjati pero dawn qatt ma wasslu. Nonostante illi wara Jannar 2018 l-intimat kien qal lir-rikorrent biex immur jigbor flusu qatt ma saret laqgha ghal dan u r-rikorrent baqa' minghajr il-merkanzija nonostante li kien hallasha kompletament. Ir-rikorrent qed jitlob l-ammont ta' €677.08 li huwa l-prezz tal-merkanzija nieqsa kif ukoll xi haga tat-trasport kif spjega fix-xhieda tieghu. Interessanti li r-rikorrent spicca x-xhieda tieghu billi qal li kien kellem lill-Ikea u qalulu li l-merkanzija kienet ingabbret kollha.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Ikkunsidra

Peress li t-Tribunal m'ghandux il-konfort tax-xhieda tal-intimat irrid joqghod fuq il-versjoni moghtija mir-rikorrent li fic-cirkostanzi hija verosimili peress illi hiija wkoll korroborata bid-dokumenti necessarji. L-intimat ma mexiex b'mod professjonali fir-relazzjonijiet tieghu mar-rikorrent u l-anqas ma' dan it-Tribunal biex injora ghal kollox is-sejha li jidher quddiemu. Filwaqt li r-rikorrent qeda l-obbligazzjonijiet tieghu billi hallas l-ammont kollu minn qabel, l-intimat min-naha l-ohra naqas mill-obbligu tieghu illi jikkonsenja l-oggetti mixtrija.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikkundanna lill-intimat u l-kumpanija minnu rapprezentata li jhallsu l-ammont ta' €677.08. Bl-ispejjes kontra l-intimat u l-kumpanija minnu rapprezentata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru